MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Settembru, 2013

Numru. 686/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**vs**

**CHARLENE GATT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Charlene Gatt ta' 28 sena bint Mario u Anna nee' Bartolo, mwielda Pieta nhar 2/5/1985 u residenti gewwa: 'Sunny Vale', Flt 2, Triq ic-Cern, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta tal-identita nru: 254785(M).

Giet akkuzata talli:

Nhar il-15 ta' Dicembru 2011 gewwa l-hanut bl'isem ta Top Choice, nru 280, triq San Guzepp, Hamrun

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi uriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' ta xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' (€635) sitt mija u hamsa u tletin Euro f'xiri ta' Lap top ghad-dannu ta' Chantelle Testa, u/jew Bank of Valletta PLC; skond art 308, 309 u 310(1)(b) tal-Kap 9.

2. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat cioe ricevuta tal-Bank ghal akkwist ta' Lap Top permezz ta' debit card, b'fasifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijuet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli dikjarazzjonijet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; bi ksur ta Art. 183 tal-Kap 9

3. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza bi ksur tal-art. 184 tal-kap 9

4. Wkoll talli meta sabet hwejjeg li kienu naqsu l-haddiehor jew li kienu mitlufa u cioe Cash link card tal-BOV, ma nfurmatx biegha lil Pulizija fi zmien tlett ijiem. Bi ksur tal-Art. 340(c) tal-Kap. 9

5. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi rrendiet ruhha recidiva skond diversi sentenzi mghotija lilha mill-Qrati ta Malta liema sentinzi huma finali u ma jistghux jigu mnaqqsa jew mibdula skond Art. 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. SB5 u nnutat li l-imputata Charlene Gatt m’ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fl-ezami taghha l-imputata iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghtha ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-parte civile gie rimborsat bil-flus tal-lap top mertu ta’ dan il-kaz.
Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu illi fil-passat l-imputata kellha problema ta’ abbuz mid-droga u ghaldaqstant ghall-fini li l-imputata tkun assistita sabiex tevita li terga’ taqa’ fil-vizzju tad-droga u sabiex ma jkunx hemm repetizzjoni ta’ reati simili umilment talbu lill-Qorti li jkun opportun li l-imputata titpogga taht Ordni ta’ Probation.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 308, 309, 310(1)(b), 183, 184, 340(c), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputata Charlene Gatt, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u mid-Difiza fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tpoggi lill-imputata Charlene Gatt taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm repetizzjoni ta’ reati simili u sabiex l-imputata tkun assistita sabiex tevita li terga’ taqa’ fil-vizzju tad-droga.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputata Charlene Gatt.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmija Charlene Gatt kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputata Charlene Gatt l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------